# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 27**

**Ċitazzjoni numru 1632/1995/2 SM**

**Doreen Galea Souchet**

**v.**

**Joseph Farrugia f'ismu proprju u għan-nom ta' *Industrial Domestic Supplies and Services Indoss* u Carmelo Farrugia Melfar Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti rikonvenzjonanti Joseph Farrugia u 'Carmelo Farrugia Melfar Ltd', minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 2018 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ġew ikkundannati jħallsu lill-attriċi rikonvenzjonata s-somma ta' €15,000.00

bħala penali, bl-imgħaxijiet legali mid-data taċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża. Bl-istess sentenza, l-attriċi rikonvenzjonata ġiet ukoll ikkundannata li tħallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti, is-somma ta' €11,632.89, rappreżentanti bħala bilanċ dovut fuq somma akbar, tal-prezz ta' *lift* li ġie mwaħħal fil-blokka bini bin-numru 227, Triq Manwel Dimech, ġewwa Ta' Sliema. Il-fatti ewlenin li wasslu għal din it-tilwima huma dawn;

2. B'ċitazzjoni mressqa fil-24 ta' Ottubru, 1995, Doreen Galea Souchet fissret li b'kuntratt datat 30 ta' Mejju, 1994,[1] il-konvenut Joseph Farrugia f'ismu personali u f'isem 'INDOSS', obbliga ruħu li jikkonsenjalha u jwaħħal '*passenger lift'* fil-fond bl-indirizz, 227, Triq Manwel Dimech, ġewwa Ta' Sliema, u dan skont il-prezz u t-termini u kundizzjonijiet imniżżla f'dak il-kuntratt. Tgħid li wara li l-konvenut naqas milli jikkonsenjalha l-*lift* fi żmien imwiegħed, il-partijiet iffirmaw skrittura oħra fit-8 ta' Frar, 1995,[2] li fiha l-istess Joseph Farrugia f'ismu personali u f'isem INDOSS, intrabat li jikkonsenjalha, iwaħħlilha, u jħallilha l-*lift*, fi stat funzjonabbli u dan sat-30 ta' April, 1995. F'dik l-istess skrittura, dawn intrabtu li jħallsuha s-somma ta' LM50.00 bħala penali, u dan għal kull ġurnata ta' dewmien. Filwaqt li tispjega li l-kumpanija 'Carmelo Farrugia Melfar Limited', intrabtet *in solidum* flimkien mal-konvenuti l-oħra għat-

[1] 'Dokument A', fol. 5 sa 15.
[2] 'Dokument B', fol. 16 sa 17.

twettiq ta' dik l-obbligazzjoni, kif ukoll għall-ħlas tal-penali li setgħu jsiru dovuti, tgħid li sal-jum tal-preżentata tal-kawża l-installazzjoni tal-*lift* kien għadu fi stadju bikri, u l-apparat li ġie kkonsenjat ma kienx dak bħalma ġie mwiegħed lilha, bil-konsegwenza li sa dik il-ġurnata dawn kellhom jagħtuha s-somma ta' LM8,850.00 bħala penali. Tilmenta li kien kollu ta' xejn li hija ġriet wara l-konvenuti sabiex iwettqu l-obbligazzjoni tagħhom fiż-żmien miftiehem, u jħallsuha l-penali li kienu dovuti lilha sa dakinhar, u fuq is-saħħa t'hekk hija talbet lill-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara illi l-konvenut Joseph Farrugia f'ismu proprju u għan-nom ta' "Industrial Domestic Supplies and Services INDOSS" għadu ma kkompletax il-konsenja u l-istallazzjoni tal-"passenger lift" skont kif obbliga ruħu permezz tal-kuntratti tat-30 ta' Mejju, 1994, u tat-8 ta' Frar, 1995, u li għalhekk inkorra l-penali stipulati fil-kuntratt tat-8 ta' Frar, 1995; u

(ii) Tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u in solidum bejniethom, iħallsu lill-attriċi s-somma ta' tmint elef, tmien mija u ħamsin liri Maltin (LM8,850) bħala penali inkorsi sad-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni skont il-kuntratt tat-8 ta' Frar, 1995.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Awwissu, 1995, tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat fl-10 ta' Ottubru, 1995, u bl-imgħax legali sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll bir-riżerva espressa għad-dritt tal-attriċi li tirreklama danni li qed issofri kif ukoll penali oħra li jistgħu jiddekorru mid-data tal-

preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni sad-data tal-espletement tal-obbligi assunti mill-konvenuti";

3. B'nota tal-eċċezzjonijiet imressqa fid-19 ta' Frar, 1996, il-konvenuti wieġbu għall-kawża b'eċċezzjoni waħda, li fiha ngħad li t-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda u dan għaliex minkejja li l-*lift* ġie tassew ikkonsenjat wara t-30 ta' April, 1995, dan id-dewmien ma kienx bi ħtija tagħhom, u għalhekk ma kien hemm l-ebda penali x'kellhom jiġu mħallsa minnhom;[3]

4. Flimkien man-nota tal-eċċezzjonijiet, il-konvenuti Joseph Farrugia f'ismu proprju u għan-nom ta' 'Industrial Domestic Supplies and Services Indoss', ressqu wkoll kontrotalba, fejn hemmhekk fissru li l-attriċi hija debitriċi tagħhom fis-somma ta' LM 4,994, u dan bħala bilanċ minn somma akbar ta' prezz ta' '*passenger lift'*, lilha mibjugħ.[4] Fuq din il-premessa, talbu lill-Qorti sabiex:

> "(i)Tikkundannaha li tħallas lill-konvenut pro et noe is-somma ta' erbat elef disa' mija erbgħa u erbgħin lira (LM 4994) minnha dovuta bilanċ minn somma akbar prezz ta' passenger lift lilha mibjugħ, konsenjat u installat fil-fond 227, Triq Manwel Dimech, Sliema.
>
> Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-attriċi li hija inġunta għas-subizzjoni."

[3] Fol. 21.
[4] Fol. 23.

5. L-attriċi laqgħet għal din il-kontrotalba billi b'nota tal-eċċezzjonijiet imressqa fl-1 ta' Marzu, 1996,[5] qalet li l-appalt ma ġiex imwettaq la kif imwiegħed u lanqas skont is-sengħa u l-arti. Żiedet ukoll li sa dakinhar tat-tweġiba, il-*lift* kien għadu mhux lest u għalhekk it-talba tal-konvenuti kienet, f'kull każ, mhux f'waqtha;

6. B'sentenza tas-26 ta' April, 2018, l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima b'dan il-mod:

> *"36.0. Illi konsegwentement filwaqt li terġa tirriafferma li qed tadotta l-konklużjonijiet tal-perit legali u ta' dak tekniku fir-rigward:*
>
> *DECIDE:*
>
> *36.1. Takkolji l-ewwel talba tal-attriċi;*
>
> *36.2. Takkolji t-tieni talba tagħha limitatament kif fuq indikat;*
>
> *36.3. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli li jħallsu lill-attriċi l-ammont ta' €15,000.00 bħala penali, bl-imgħaxijiet legali mid-data taċ-ċitazzjoni odjerna;*
>
> *36.4. Tikkundanna lill-istess konvenuti biex in solidum iħallsu l-ammont indikat fil-paragrafu preċedenti lill-attriċi;*
>
> *36.5. Tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-konvenuti s-somma ta' €11,632.89, bilanċ minna lilhom dovut minn somma akbar għall-prezz tal-"lift" de quo;*
>
> *36.6. Bl-ispejjeż jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti senjatament, nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenuti proprio et nomine et."*

7. Il-konvenuti Joseph Farrugia u 'Carmelo Farrugia Melfar Limited', (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellanti"), ma qablux għal kollox

[5] Fol. 27.

mas-sentenza appellata, u għar-raġunijiet li ġew imfissra fir-rikors tal-appell imressaq minnhom fil-15 ta' Mejju, 2018, dawn talbu lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi:

> "(i) filwaqt li tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet attriċi, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellanti u tiċħad it-talbiet tal-attriċi appellata;
>
> (i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqgħet it-talbiet rikonvenzjonanti tal-intimati rikonvenzjonanti u tordna illi mas-somma dovuta lill-esponenti għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet illi għandhom jiddekorru mid-data taċ-ċitazzjoni odjerna";

8. L-attriċi rikonvenzjonata (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellata") laqgħet għal dan l-appell, billi bi tweġiba mressqa minnha fit-23 ta' Lulju, 2018, qalet li l-appell għandu jiġi miċħud, u dan bl-ispejjeż;

9. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. L-appellanti qegħdin isejsu l-appell tagħhom fuq żewġ aggravji, li ser ikunu qegħdin jiġu hawn mistħarrġa fl-istess sekwenza li tqajmu fir-rikors tal-appell;

11. L-**ewwel aggravju** huwa dwar dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti sabiex iħallsu lill-attriċi Doreen Galea Souchet, il-penali. F'dan ir-rigward, jissottomettu li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tilqa' t-talbiet tal-attriċi, għaliex kull dewmien li seta' kien hemm ma kienx bi ħtija tagħhom, iżda kien kollu minħabba n-nuqqasijiet tal-appellata. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti 'naqset milli tapprezza' l-bażi tal-azzjoni tal-attriċi, u sewwasew li l-klawsola tal-penali li ġiet imniżżla fil-kuntratt tat-8 ta' Frar 1995, hija soġġetta għall-kundizzjoni li d-dewmien ma jkunx għall-raġunijiet li taħti għalihom l-appellata;[6]

12. L-appellanti mbagħad jgħaddu biex jerġgħu jistampaw kelma b'kelma l-istess argumenti li tniżżlu minnhom fin-nota ta' sottomissjonijiet li ġiet imressqa quddiem il-perit legali,[7] u dan biex jargumentaw, li d-dewmien li wassal għal din it-tilwima, kien kollu konsegwenza tal-fatt li l-attriċi appellata naqset milli tinstalla sistema tal-elettriku tat-tip, *'three phase',* u dan bi ksur ta' dak li ntrabtet li tagħmel fil-kuntratt tat-30 ta' Mejju, 1994. Jargumentaw li b'dan in-nuqqas, huma lanqas biss ma kienu obbligati li jibdew ix-xogħlijiet, u f'ċirkostanzi bħal dawn, l-attriċi ma

---

[6] Klawsola 2 tal-iskrittura tat-8 ta' Frar, 1995, ('Dok B', fol 16) taqra hekk: *"The supplier binds himself to deliver and install and complete in all respects in good working and operational order to the satisfaction of the customer, the lift mentioned in the agreement by not later than 30th April 1995. In case of default the supplier hereby binds himself to pay to the customer who accepts by way of liquidated damages a penalty of fifty Maltese liri (LM50) for every day in which the supplier is in default of the obligation mentioned in this clause, and this for mere delay.* ***unless such delay is due to reasons imputable to the customer or owing to a general industrial strike ordered here in Malta****."*

[7] Fol. 127 sa 143.

setgħet qatt tixlihom b'dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni tagħhom. Jisħqu li n-nuqqas tas-sistema elettrika tat-tip '*three-phase'* dewmet ix-xogħol tal-installazzjoni tal-*lift* bla bżonn, u jżidu li f'kull każ, dan in-nuqqas wassalhom biex ġew impoġġija f'qagħda 'impossibbli' li jwettqu dak pattwit minnhom sad-data maqbula mal-appellata, għaliex mingħajr it-'*three phase',* l-*lift* ma seta' qatt jaħdem, u ma seta' jkun qatt *"complete in all respects and in good working and operation order to the satisfaction of the customer"*;

13. Raġuni oħra għalfejn l-appellanti qed jinsistu li l-appellata ma setgħetx tixlihom b'dewmien u tippretendi l-ħlas tal-penali hija mbagħad marbuta mal-kwistjoni li kellhom mal-appellata dwar il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-*lift.* Ifakkru li l-attriċi naqset milli twettaq il-pagamenti li kienet marbuta li tħallashom skont il-kuntratti tat-30 ta' Mejju, 1994, u tat-8 ta' Frar, 1995, u fid-dawl ta' dan jargumentaw, li skont il-kuntratt tal-ewwel, huma lanqas biss ma kienu obbligati li jkomplu bix-xogħlijiet;

14. Fuq nota oħra, iżda dejjem b'rabta mal-istess aggravju, l-appellanti jargumentaw li, f'dan il-każ, l-appellata naqset ukoll milli ġġib xi prova li d-dewmien wassalha biex ġarrbet xi dannu. Skont l-appellanti huwa għalhekk għal kollox inaċċettabbli li l-attriċi titħallas penali għal dewmien li 'ma swiha xejn' u 'ma tellifha l-ebda flus'. Fid-dawl ta' dan, jargumentaw

li bil-ħlas tal-penali l-appellata kienet qegħda sewwasew tistagħna bla mistħoqq;

15. L-appellanti mbagħad jagħlqu billi jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma qieset xejn minn dak li ġie sottomess minnhom, u minflok straħet u għamlet tagħha dak li ġie mniżżel fir-rapporti tal-perit tekniku u l-perit legali, u dan minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, insistew li tali konklużjonijiet kellhom jiġu skartati għaliex kienu mifnija bi żbalji legali u nieqsa minn kull sies legali. F'dan ir-rigward, jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis li r-rapport tal-perit legali huwa nieqes għal kollox mill-'apprezzament kruċjali legali' tal-fatt li l-ħlas tal-penali kien soġġett għall-kundizzjoni li ma jkunx hemm dewmien bi ħtija tal-appellata. Jgħidu li la fir-relazzjoni peritali u lanqas fl-eskussjonijiet li saru ma jirriżulta li l-perit legali ħa qies ta' dan il-fatt kruċjali, u minħabba f'hekk ir-relazzjoni peritali hija "serjament monka". Sfiq ma' dan jargumentaw li l-kuntratti huma ċari, u daqs kemm jorbtu lilhom, daqstant ieħor jorbtu lill-appellata. Jisħqu li l-appellata ma tistax tgawdi min-nuqqasijiet tagħha stess, u jissottomettu li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti safejn għandha x'taqsam mal-ħlas tal-penali hija b'hekk inġusta;

16. Wara li qieset l-ilmenti kollha tal-appellanti fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti, is-sottomissjonijiet li ġew magħmula mill-attriċi appellata, kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet li fuq is-saħħa tagħhom l-Ewwel Qorti sejset il-

ġudizzju tagħha, din il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-appellanti mhumiex għal kollox mistħoqqa, u dan għal għadd ta' raġunijiet li ser ikunu qegħdin jiġu hawn taħt imfissra;

17. Jibda biex jingħad li daqskemm l-attur għandu mixħut fuq spallejh il-piż li jsostni l-fatti li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), daqstant ieħor għandu l-konvenut l-obbligu li jipprova l-fatti miġjuba minnu sabiex jikkuntrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in exipiendo fit actor*). (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio***, deċiża fis-17 ta' Marzu, 2022). Fi kliem aktar sempliċi, ġaladarba li f'dan il-każ il-konvenuti għażlu li jsejsu d-difiża tagħhom fuq l-eċċezzjoni li d-dewmien fit-tlestija tal-*lift* ma kienx bi ħtija tagħhom,[8] dawn minnufih waddbu fuq spallejhom il-piż li jippruvaw kif huma ma kellhom x'jaħtu xejn għal dak id-dewmien;

18. Issa li ngħad dan, minn ħarsa lejn ir-rikors tal-appell, jidher li l-appellanti qed jibqgħu jinsistu li hemm żewġ raġunijiet ewlenin għalfejn id-dewmien fl-installazzjoni tal-*lift*, ma kienx bi ħtija tagħhom, iżda kien kollu dovut għal raġunijiet li taħti għalihom l-attriċi appellata. L-ewwel waħda hija għaliex l-appellata naqset milli tħejji l-infrastruttura tal-elettriku tat-tip '*three phase*', filwaqt li t-tieni waħda hija mbagħad li l-appellata

[8] Ara n-nota tal-eċċezzjonijiet tal-appellanti, fol. 21.

naqset milli tħallas il-bilanċ tal-pagamenti fiż-żmien miftiehem, u b'hekk huma kellhom il-jedd li ma jkomplux bix-xogħol;

19. Nibdew bl-ewwel raġuni, u ċjoè dik li għandha x'taqsam man-nuqqas tal-appellata li tħejji u tipprovdi sistema tal-elettriku tat-tip *'three phase'.* F'dan ir-rigward, kemm il-perit legali kif ukoll l-espert tekniku rrikonoxxew li skont il-kuntratt tat-30 ta' Mejju, 1994, (li l-kundizzjonijiet tiegħu baqgħu jorbtu, u dan sakemm ma kinux f'kunflitt mal-kuntratt tat-8 ta' Frar, 1995), l-attriċi kienet tassew responsabbli li tħejji u tipprovdi sistema tal-elettriku tat-*'three phase'*.[9] Madanakollu, kemm l-espert tekniku, kif ukoll il-perit legali, dehrilhom li r-raġuni ewlenija li wasslet għad-dewmien fl-installazzjoni tal-*lift,* ma kinitx dovuta minħabba n-nuqqas min-naħa tal-attriċi li tħejji l-infrastruttura u tipprovdi dan it-tip ta' elettriku, iżda kien sewwasew minħabba n-nuqqasijiet tal-konvenuti stess;[10]

20. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellanti ma qed ikunu xejn ġusti meta qed jikkritikaw qatta bla ħabel ir-rapport tal-perit legali. L-ewwelnett, u b'kuntrast ma' dak li qed jgħidu l-appellanti, ir-raġuni għalfejn il-perit legali qies li l-appellanti għandhom iħallsu l-penali, ma kinitx għaliex dak il-perit 'naqas milli jikkunsidra' li l-obbligazzjoni tal-ħlas tal-penali kienet soġġetta

[9] Ara r-rapport tal-perit tekniku ('Dok CC', fol. 392), u r-rapport tal-perit legali ('Dok MC1', fol 215).
[10] Id.

għall-kundizzjoni li d-dewmien ma jkunx minħabba raġunijiet li taħti għalihom l-appellata, iżda proprju għaliex irriżultalu li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tal-konvenuti stess li wasslu għal dak id-dewmien.[11] Ma jistax ma jiġix ukoll innutat li, il-konklużjonijiet tal-perit legali, mhumiex bla bażi, iżda ġew sewwasew imsejsa fuq il-fehmiet tekniċi tal-espert tekniku, li fir-relazzjoni tiegħu niżżel, li l-installazzjoni tal-*lift* setgħet issir xorta waħda mingħajr il-provvista tat-*'three phase'*, u li n-nuqqas tat-tali provvista ma setax ikkontribwixxa b'mod sostanzjali għad-dewmien fl-installazzjoni u t-tlestija tal-*lift*, u dan minn tal-inqas sa Settembru tas-sena 1995.[12]  F'punt partikolari tal-eskussjoni, il-perit legali per eżempju spjega li huwa ma kienx xi persuna teknika, u għalhekk għażel li jistrieħ fuq il-fehmiet tekniċi tal-Inġinier Carmel J. Cuschieri, u dan speċjalment fejn qal li l-*lift* seta' xorta waħda jiġi nstallat, u dan minkejja li ma kienx hemm provvista ta' *'three phase'* fuq il-post';[13]

21. Għalkemm li kellu jkun bil-wisq ċar għall-appellanti, li l-perit legali wasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq is-saħħa tal-konklużjonijiet tal-espert tekniku, l-appellanti, għar-raġunijiet li jafu huma, naqsu għal kollox milli b'xi mod jew ieħor jikkontestaw ir-relazzjoni tal-espert tekniku. Kemm hu hekk, l-appellanti mhux biss ma talbux il-ħatra ta' esperti

[11] Ara t-tweġibiet tal-perit legali għall-mistoqsijiet in eskussjoni li sarulu mill-konvenuti (fol. 418 u 423).
[12] Ara r-rapport tal-perit legali ('Dok MC1', fol. 215).  Ara wkoll ir-rapport tal-perit tekniku, ('Dok CC', fol. 391-392).
[13] Ara 'Dok MC', fol 418.

addizzjonali, iżda saħansitra lanqas biss ma ndenjaw ruħhom li jwettqu eskussjoni ta' dak l-istess espert tekniku. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-perizja teknika għandha fiha nnifisha piż probatorju li ma jistax jiġi mwarrab kif ġieb u laħaq. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti trid tkun waħda nfurmata sew u trid tkun ukoll imsejsa fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju l-fehma teknika li tkun ġiet mressqa quddiemha mill-esperti mqabbda minnha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Asset Investments Ltd v. Awtorità tad-Djar****,* deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2022). Huwa daqstant ieħor magħruf li min ma jaqbilx ma' rapport ta' espert imqabbad mill-Qorti, dan għandu r-rimedju li jitlob il-ħatra ta' esperti ġudizzjarji addizzjonali. Min ma jagħmilx użu minn dan il-mezz legali sabiex iwaqqa' r-rapport tal-esperti tal-Qorti ma jistax jiġi wara u jippretendi li l-Qorti għandha twarrab dak ir-rapport għar-raġuni biss li huwa ma jkunx qed jaqbel miegħu. (Ara f'dan is-sens is-sentenza, fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Louis Baldacchino et. v. Perit AIC Stephen Farrugia****,* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju, 2022). Jekk l-appellanti riedu jattakkaw il-konklużjonijiet tal-perit legali safejn għandhom x'jaqsmu mal-kwistjoni tan-nuqqas tal-provvista tat-*'three phase'*, l-appellanti kellhom għalhekk qabel xejn, jattakkaw il-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Ġaladarba li m'għamlux hekk, l-appellanti ma jistgħux issa jibqgħu jinsistu li d-dewmien fl-installazzjoni tal-*lift* kien kollu minħabba n-nuqqas tal-provvista tal-elettriku tat-tip *'three phase'*, u dan meta l-espert tekniku deherlu mod ieħor;

22. Lil hemm minn dan, u wara li wettqet apprezzament awtonomu tal-provi li hemm fl-atti, din il-Qorti hija, f'kull każ, tal-istess fehma tal-perit legali kif ukoll tal-espert tekniku, u sewwasew li l-appellanti m'għandhomx raġun meta qed jgħidu li r-raġuni ewlenija wara d-dewmien fl-installazzjoni tal-*lift* kienet kollha minħabba n-nuqqas tal-provvista tat-*'three phase',* u mhux minħabba xi nuqqas min-naħa tagħhom. Għalkemm l-appellanti qed jippruvaw jinħbew wara l-iskuża tat-*'three phase',* mill-ġabra sħiħa tal-provi jidher li r-raġuni ewlenija wara d-dewmien kienet sewwasew għaliex it-tagħmir u l-komponenti tal-*lift* waslu tard u bis-sulluzzu;

23. Per eżempju, mix-xhieda tal-appellata Doreen Galea Souchet, jirriżulta li meta hija kienet tistaqsi lill-appellant Joseph Farrugia, dwar ir-raġuni għalfejn ix-xogħol fil-*lift* ma kienx qed isir, dan kien jgħidilha li *"għax ma wasalx ix-xogħol u kien isemmi l-ħaddiema".*[14] Mill-istess xhieda, jirriżulta wkoll li l-konvenuti damu ma bagħtu l-ħaddiema u għalkemm kienu bagħtu xi ħaddiema bejn nofs Mejju u l-aħħar ta' Ġunju 1995, f'dak iż-żmien, ma tantx sar xogħol u l-ħaddiema kienu qalulha li Farrugia kellu jibgħatilhom xi *'parts'* tal-*lift* u għalhekk ma setgħux ikomplu.[15] Minn 'Dok 2' li ġie mressaq mill-attriċi waqt il-kontroeżami tagħha li sarilha fil-5 ta' Mejju, 2011, u li tgħid li jiddokumenta l-kronoloġija tal-fatti skont kif ma'

---

[14] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-attriċi appellata fis-seduta ta' 22 ta' April, 1997, (fol. 179). Ara wkoll f'dan is-sens it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-appellata fis-seduta tat-28 ta' April, 2000, fol 185.
[15] Id.

seħħew, jidher li minn Lulju sa Awwissu 1995 ma sar xejn aktar, u li kien biss fl-1 ta' Novembru, 1995, u ċjoè wara li nbdiet din il-kawża, li l-appellant Farrugia ċemplilha u avżaha li kien ser ikun qed ikompli x-xogħol.[16] Kemm mill-istess dokument, kif ukoll minn dak li xehdet l-attriċi waqt il-kawża, jirriżulta wkoll li sal-mument li nbdiet din il-kawża, il-kabina tal-*lift* kienet saħansitra għadha ma waslitx;[17]

24. Din il-verżjoni ta' Galea Souchet, ġiet imbagħad imsaħħa minn għadd ta' xhieda oħra li jistgħu jitqiesu pjuttost indipendenti, bħal Charmaine Napoli, li hija waħda mir-residenti tal-blokka ta' appartamenti fejn sar il-*lift* li wassal għal din it-tilwima, kif ukoll minn Joe Falzon, li kien jaħdem bħala '*project manager*' mal-kumpanija konvenuta u li fost l-oħrajn ħadem fuq l-istess *lift*. Per eżempju, ix-xhieda ta' Charmaine Napoli kkorroborat dak li qalet l-attriċi li fl-ewwel xhur tas-sena 1995 ma kien sar xejn, u li l-appellanti *"kienu bdew iġibu xi ċekċikiet 'il hawn u 'l hemm"*, għall-aħħar tar-rebbiegħa tas-sena 1995.[18] Hekk ukoll, Joe Falzon xehed li minn tal-anqas sa Awwissu tas-sena 1995, u ċjoè saż-żmien li huwa baqa' impjegat mal-konvenuti, huma kienu għadhom kemm lestew biss l-ewwel fażi tax-xogħol, u dan proprju għaliex il-kabina ma

[16] Ara f'dan is-sens it-traskrizzjoni tal-kontroeżami li sar lill-attriċi waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2011 (Fol 196) u 'Dok 2', (fol 286).
[17] Id. Ara wkoll it-traskrizzjoni ta' xhieda tal-attriċi mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' April, 2000, (Fol 184).
[18] Ara x-xhieda ta' Charmaine Napoli, mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2002, fol 187.

kinitx hemm u *"**ma kellniex materjal biex inkomplu**"*.[19] L-istess xhud fisser ukoll li l-konvenuta kienet iċċempel lilu jew l-uffiċċju ta' kuljum biex ikomplu x-xogħol, u saħansitra stqarr li huma ġieli bagħtu xi nies *"biex jagħmlu l-preżenza biss"*.[20] Meta reġa' tressaq mill-ġdid biex isirlu kontroeżami u dan wara li kienu għaddew kważi ħames snin minn meta xehed f'din il-kawża, l-istess xhud, żamm mal-istess verżjoni ta' qabel, u reġa' tenna għal darb'oħra li ***"l-lift ma setax jitkompla għaliex kien għad baqa' ħafna materjal x'jinġieb fuq il-post li kellu jġibu l-konvenut"***.[21] B'mod partikolari kkonferma wkoll il-fehma tal-espert tekniku, li għalkemm sa meta baqa' jaħdem hu ma kienx hemm provvista tat-*'three phase'*, u *'t-three phase'* seta' jħaffef ix-xogħol, madanakollu ***"t-three phase ma kienx essenzjali ħalli jitkompla x-xogħol"***;[22]

25. Il-fatt ta' kemm huwa minnu li l-konvenuti ġieli kienu jibagħtu xi ħaddiema għall-preżenza biss, u li l-installazzjoni tal-*lift* waqgħet lura għaliex il-ħaddiema tal-konvenuti ma kellhomx materjal biex jaħdmu, jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Edgar Galea, li dan irrakkonta kif huwa ġieli kien imur fil-blokka tal-appellata u kien jara l-ħaddiema tal-konvenuti

---

[19] Ara f'dan is-sens it-traskrizzjoni ta' xhieda ta' Joe Falzon, mogħtija fil-20 ta' Mejju, 1999, (fol. 181 u 182). B'mod partikolari, dan ix-xhud jgħid hekk: "*Sa Awwissu 1995 konna għadna għamilna phase 1 tal-istallazzjoni u ċioè guides u brackets u pplumbjajna x-shaft. Guides kienu tal-kabina u tal-couterwieght. L-attriċi kienet iċċempel lili jew lil xi ħadd ieħor mill-uffiċju kull filgħodu biex inkomplu x-xogħol. F'Awwissu 1995 ma kienx lest il-lift u l-kabina ma kienitx hemm. Dan għaliex ma kellniex materjal biex inkomplu. Ġieli bagħtna xi nies biex jagħmlu l-preżenza biss.*".

[20] Id.

[21] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Joe Falzon li sar waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju, 2004, (fol. 192).

[22] Id.

jaqraw il-gazzetta jew jistrieħu fuq is-sufan. L-istess xhud qal ukoll li ***"meta kont insaqsihom kienu jgħiduli li qed jistennew il-materjal"***;[23]

26. Għalkemm huwa minnu li fil-kontroeżami, il-konvenut appellant Joseph Farrugia ċaħad dan meta qal li l-materjal tal-*lift* kien wasal kollu sa nofs Marzu tas-sena 1995,[24] il-Qorti ma tħossx li din is-sempliċi stqarrija tista' ġġib fix-xejn dawn il-verżjonijiet tax-xhieda kollha hawn fuq imsemmija. La Farrugia u wisq anqas il-bqija tal-konvenuti ma ressqu xi provi oħra ta' sustanza biex juru li l-materjal tal-*lift* kien tabilħaqq wasal kollu sa nofs Marzu tas-sena 1995. Fin-nuqqas tat-tali provi, il-Qorti jidhrilha li l-verżjoni tax-xhieda hawn fuq imsemmija hija aktar verosimili minn dik tal-appellant Farrugia, u dan aktar u aktar meta Farrugia stess ikkonferma *"li kien hemm xi parts li damu ma ġew minn barra",* però mbagħad qal li ma jiftakarx x'kienu![25]

27. F'kuntest bħal dan, il-Qorti ma tistax għalhekk ma taqbilx mal-perit legali, li f'dan il-każ l-appellanti naqsu milli jippruvaw b'mod siewi li d-dewmien fl-installazzjoni tal-*lift*, kien kollu l-frott tan-nuqqas tal-attriċi li taħseb għall-provvista ta' *'three phase'.* Flimkien ma' dan, il-Qorti żżid li biex l-appellanti setgħu forsi jargumentaw b'suċċess li d-dewmien fl-

---

[23] Ara t-traskrizzjoni ta' xhieda mogħtija minn Edgar Galea, fis-seduta tat-28 ta' Ġunju,1999, (fol.183).
[24] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Joseph Farrugia, fol. 201.
[25] Ara t-traskrizzjoni tal-kontroeżami ta' Joseph Farrugia, fol. 199.

installazzjoni tal-*lift* kien kawża tan-nuqqas tal-attriċi li tipprovdi t-*'three phase',* l-appellanti kellhom qabel xejn juru li huma kellhom il-kapaċità li jlestu l-*lift* fiż-żmien miftiehem, jew tal-anqas fiż-żmien li għalih huma ġew ikkundannati li jħallsu l-penali. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellanti però naqsu għal kollox milli jippruvaw dan b'mod sodisfaċenti; anzi, għall-kuntrarju jidher li anke li kieku stess kellu jkun hemm il-provvista tat-*'three phase',* l-appellanti xorta waħda ma kinux ser ikunu f'qagħda li jlestu l-*lift* fil-perjodu mwiegħed minnhom jew tal-inqas f'dak il-perjodu li għalih ġew ikkundannati li jħallsu l-penali. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-argumenti kollha tal-appellanti safejn għandhom x'jaqsmu man-nuqqas tal-provvista tat-*'three phase'* ma jistgħu jwasslu lill-appellanti mkien, u b'hekk qed jiġu miċħuda għal kollox;

28. Wisq anqas ma jistgħu jkunu ta' fejda, l-argumenti tal-appellanti li l-appellata ma setgħetx tixlihom b'dewmien u tinsisti fuq il-ħlas tal-penali, meta hija stess 'naqset' milli tħallas il-bilanċ tal-prezz tal-*lift*. Kif ġie osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'sentenza oħra bejn l-istess partijiet u dan dwar l-istess fatti li wasslu għal din it-tilwima, bil-ftehim tat-8 ta' Frar 1995, il-partijiet bidlu l-ftehim dwar kif u meta kellu jsir il-ħlas tal-bilanċ.[26] Skont klawsola 4 ta' dak il-ftehim tal-aħħar, l-ewwel bilanċ ta' LM1,000 kellu jitħallas *"within fifteen days <u>from delivery of all equipment</u>*

[26] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Carmelo Farrugia Melfar Limited v. Doreen Galea Souchet,*** (Ċit. Nru 1127/1996/1GCD), deċiża fit-8 ta' Novembru, 2005, (mhux appellata).

<u>on site</u> *and provided installation works are then in progress".*[27] F'dan il-każ, diġà rajna li minn tal-inqas sad-data li fiha nbdiet din il-kawża, <u>il-materjal kollu</u> tal-*lift* ma kienx għadu ġie kkonsenjat fil-fond tal-attriċi, u għaldaqstant, anke f'dan ir-rigward, l-appellanti ma jistgħux jippretendu li huma kellhom il-jedd li jwaqqfu x-xogħlijiet għaliex l-attriċi ma kinitx ħallsithom il-bilanċ tal-prezz. Għandu għalhekk jintqal ukoll li l-appellant Joseph Farrugia żbalja bil-kbir meta *"deherlu li kellu skont il-ftehim (para 14) li jekk jibqa' ma jitħallasx, jieqaf mix-xogħol sakemm isir il-ħlas...",*[28] u dan għaliex ġaladarba li ma kellux il-jedd li jagħmel hekk, dan kompla biex aktar u aktar ġab il-ġebla fuq saqajh u dewwem l-installazzjoni tal-*lift* bi ħtija tiegħu;

29. Hekk ukoll mhumiex siewja l-argumenti tal-appellanti safejn qed jerġa' jiġi mtenni li l-appellata ma jistħoqqilha l-ebda penali, għaliex ma ppruvatx li d-dewmien fl-installazzjoni tal-*lift* wassalha biex ġarrbet xi dannu finanzjarju. Kif intqal fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Raymond Barbara et. v. Alex Mercieca****,* deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2022: *"Il-klawsola penali hija għamla ta' danni prelikwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni* ***<u>jeħles mill-obbligu li jġib prova li huwa ġarrab ħsara,</u>*** *għaliex huwa jista' jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li jkun intrabat miegħu li jagħmel*

[27] Ara 'Dokument B', fol 7.
[28] Estratt mill-affidavit ta' Joseph Farrugia, (fol. 300).

*(ara x'qal il-ġurista Torrente fl-opra tiegħu Manuale di Diritto Privato, f'paragrafu 300 u paġni 490 u 491, u l-artikolu 1120(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta)".*[29] Dak li kellha tipprova l-attriċi f'kawża bħal din kienu għalhekk id-dewmien min-naħa tal-appellanti, u l-fatt li l-appellanti kienu ntrabtu li jagħmlu tajjeb bil-penali għal kull ġurnata ta' dak id-dewmien. Ġaladarba li l-attriċi rnexxielha tipprova dan u l-appellanti naqsu milli juru li ma kellhom l-ebda ħtija għad-dewmien, l-attriċi appellata għandha l-jedd li tirċievi l-penali, li fl-aħħar mill-aħħar l-appellant Farrugia, li huwa kummerċjant u mhux xi wieħed b'sebgħu f'ħalqu, intrabat li jħallas *"and this for mere delay"*;[30]

30. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

31. Jifdal biss it-**<u>tieni aggravju</u>** li fih l-appellanti qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tordna lill-appellata sabiex tħallashom l-imgħaxijiet legali u dan fuq l-bilanċ li ġiet ikkundannata li għandha tħallashom permezz tal-kontrotalba. Jissottomettu li huwa prinċipju magħruf, li fuq somom dovuti għandhom jgħaddu l-imgħaxijiet, u fuq is-saħħa t'hekk talbu lill-Qorti sabiex tordna li mas-somma dovuta mingħand l-appellata għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet;

[29] Rik. Ġur 436/2021CFS, (mhux appellata).
[30] Estratt meħud minn klawsola 2 tal-ftehim tat-8 ta' Frar, 1995, ('Dokument B', fol. 16).

32. Min-naħa l-oħra, l-attriċi appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li dan l-aggravju huwa manifestament infondat għaliex ma jeżistix appell '*ab omissa decisione'*. Tissottometti wkoll li, jekk xejn, l-appellanti kellhom proċedura oħra li kellhom jirrikorru għaliha;

33. Wara li qieset dawn l-argumenti fid-dawl tas-sentenza appellata, din il-Qorti tqis li, għalkemm huwa tassew minnu li fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-Ewwel Qorti ma qalet xejn dwar l-imgħax li għandu jitħallas fuq is-somma dovuta lill-appellanti, ir-raġuni wara dan is-silenzju mhijiex il-frott ta' xi nuqqas minn-naħa tal-Ewwel Qorti li tiddeċiedi dwar l-imgħax mitlub, iżda hija konsegwenza ta' żball ġenwin tal-pinna fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata;

34. Il-Qorti qed tgħid hekk għaliex minn qari tas-sentenza appellata u sewwasew mill-kunsiderazzjonijiet li tniżżlu f'paragrafi 34, 35 u 36, jirriżulta li, meta ġiet biex tfisser fi ftit kliem dwar fiex kienet tikkonsisti l-kontrotalba, l-Ewwel Qorti fissret li l-konvenuti kienu qed jitolbu l-imgħaxijiet u dan b'żieda mal-ħlas tal-bilanċ tas-somma ta' €11,632.89. Fil-paragrafu ta' wara, l-Ewwel Qorti mbagħad qalet li l-esperti nominati minnha qablu li ma teżisti l-ebda raġuni għalxiex dik il-kontrotalba ma kellhiex tiġi milqugħa, u wara li qalet hekk, l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li kienet qed tħaddan <u>għal kollox</u> il-konklużjonijiet tal-perit legali, tant li reġgħet niżżlet li kienet qed "***<u>tirriafferma li qed tadotta l-konklużjonijiet</u>***

***__tal-perit legali u ta' dak tekniku fir-rigward__".*** Il-konklużjoni tal-perit legali dwar il-kontrotalba kienet imbagħad taqra hekk: *"Tilqa' l-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonant u tikkundanna (lill-attrici rikonvenzjonata) li tħallas lill-konvenuti is-somma EUR11,632.89 minnha dovuta bilanċ minn somma akbar permezz ta' passenger lift lilha mibjugħ konsenjat u installat fil-fond 227, Triq Manwel Dimech, Sliema,* ***__bl-imgħax minn Jannar 1996__".***[31]

35. Kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta': '***Is-soċjetà Tomlin Company Limited v. Is-soċjetà Jon David Limited'***, deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003 (App. 838/2001/1PS), huwa mifhum fil-ġurisprudenza li: ***"l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositttiv ma għandux jittieħed separatament mill-motivazzjoni iżda għandu jiġi minn din definit u spjegat"*** *(*"**Gerald Bartoli nomine -vs- Emanuel Mathiundes nomine", Appell Kummercjali, 29 ta' Lulju 1970**)*."* Intqal ukoll li "*il ragionamento nella motivazione di una sentenza e la conclusione da esso tratta nel corso della stessa motivazione, quantunque tale conclusione non formi parte del dispositivo della sentenza medesima, costituiscono una decisione implicita quante volte quella conclusione formo` la base ed era necessaria per arrivare razionalmente al dispositivo espresso. Una siffatta decisione implicita ha tutta l'awtorita` della cosa*

[31] Estratt meħud mir-relazzjoni tal-perit legali, 'Dokument MC1' (fol. 219-220).

*giudicata"* (Ara ***Giuseppe Formosa Speranza nomine v. Pietro Guglielmo Camilleri,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-16 ta' Jannar, 1933, Kollez Vol. XXVII p.I, p. 740);

36. Ġaladarba l-Ewwel Qorti għamlitha daqstant ċara li kienet qed tħaddan għal kollox il-konklużjonijiet tal-perit legali, u l-perit legali deherlu li l-imgħax kellu jitħallas minn Jannar tas-sena 1996, allura jsegwi li paragrafu 36.5 tas-sentenza appellata kellu jinftiehem u jaqra li l-Ewwel Qorti kienet qegħda tikkundanna lill-attriċi sabiex tħallas lill-konvenuti s-somma ta' €11,632.89, u dan flimkien mal-imgħax minn Jannar 1996;

37. Sabiex ma jkunx hemm dubji f'dan ir-rigward, u għaliex jidher li l-Ewwel Qorti, bi żball ġenwin, ma niżżlitx il-frażi tal-perit legali *"bl-imgħax minn Jannar 1996"*, il-Qorti ser tkun qegħda tilqa' dan l-aggravju u dan billi ser tkun qed tikkoreġi paragrafu 36.5 tas-sentenza appellata, sabiex jaqra eżatt bħalma ġie mniżżel fil-konklużjoni tal-perit legali;

38. Peress li l-Qorti jidhrilha li żball ċar bħal dan seta' jiġi kkoreġut bir-rimedju misjub fl-Artikolu 825(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-appellanti naqsu milli jużaw dak ir-rimedju, il-Qorti ser tkun qegħda tordna lill-appellanti sabiex ibatu wkoll l-ispejjeż marbuta ma' dan l-aggravju.

(Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Carmlu Limited v. Joseph Cachia****,* deċiża fid-20 ta' Marzu, 2019);

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' limitament** l-appell tal-konvenuti Joseph Farrugia u 'Carmelo Farrugia Melfar Limited' u b'hekk qed **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi: tikkoreġi paragrafu 36.5 tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li għandu jibda jaqra: *"Tikkundanna lill-attriċi tħallas lill-konvenuti s-somma ta' €11,632.89, bilanċ minnha lilhom dovut minn somma akbar għall-prezz tal-"lift" de quo,* ***u dan bl-imgħax minn Jannar 1996****".*

Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata safejn kompatibbli ma' din is-sentenza, inkluż fil-kap tal-ispejjeż.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-appellanti Joseph Farrugia u 'Carmelo Farrugia Melfar Limited', solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr